**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 353/97

Grace Connell

vs

Dipartiment tas-Sahha

Illum 12 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta ta' Ottubru 1987, ir-rikorrenti soffriet ingustizzja billi giet trasferita minn fuq il-post tax-xoghol taghha u nghatat xoghol li ma kienx fil-grad taghha minghajr raguni valida, anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrenti kienet ilha madwar hdax il-sena tahdem mad-dipartiment tas-Sahha bhala latrine attendant gewwa Hal Ghaxaq.

Fl-1987 ir-rikorrenti kienet applikat ghall-grad ta' telephone operator u kienet giet accettata. Madankollu malli hadet din il-kariga hija giet trasferita ghall-laundry tal-Isptar Monte Carmeli, tahsel u titwi l-hwejjeg - xoghol li certament ma kienx fil-kompitu taghha bhala telephone operator.

Illi matul dan iz-zmien, ir-rikorrenti kienet tahdem bil-production u sofriet danni kbar f'sahhitha, peress li fix-xoghol li nghatat fil-laundry kellha hafna strapazz. Dan il-fatt gie wkoll konfermat mill-Bord Mediku li kien iccertifika li ir-rikorrenti ma kenitx tajba ghal xoghol fil-laudry, specjalment wara li kienet ghamlet ukoll operazzjoni.

Illi minkejja dan kollu u ghalkemm ir-rikorrenti diversi drabi talbet li tinghata xoghol ta' telephone operator, skond il-grad taghha xorta wahda thalliet tahdem fil-laundry.

Illi minhabba l-istat ta' sahha tair-rikorrenti, b'rizultat tax-xoghol li nghatat hija kellha tispicca mix-xoghol qabel iz-zmien fl-eta' ta' sittin sena.

Illi r-rikorrent jidhrilha illi ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi biex hi tigi trasferita ghal xoghol fil-laundry, meta kellha l-grad ta' telephone operator u ssostni li dan sar x'aktarx motivi politici.

Illi b'konsegwenza tat-trasferiment ingust li sofriet ir-rikorrenti batiet ukoll telf finanzjarju konsistenti f'telf fis-somma li hadet meta rtirat mix-xoghol u anke telf fl-ammont ta' pensjoni li qed tircievi. Barra minn hekk filwaqt li persuni fil-grad ta' telephone operator u li kienu effettivament jaghmlu dan ix-xoghol sikwiet kienu jaghmlu overtime, ir-rikorrenti ma kellhiex l-istess opportunita' peress illi ntbaghtet tahdem fil-laundry.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrenti, fil-perjodu fuq indikat, garrbet ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghaliha jew li minhabba fiha garrbet inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex issostni l-ilment taghha, ir-rikorrenti kien bi hsiebha tressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet illi dan it-Tribunal jghogbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrenti, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi tinghata rimedju billi ir-rikorrenti (1) tithallas kumpens xieraq ghat-trattament hazin u psikologikament disturbanti li sofriet b'rizultat tat-trasferiment ingust li nghatat' (2) tithallas kumpens relattiv ghat-telf li sofriet meta ma kellhiex l-opportunita' li tahdem overtime bhal persuni ohra fl-istess grad taghha u li effettivament kienu qed jaghmlu xoghol ta' telephone operators; (3) tinghata kumpens relattiv ghat-telf fis-somma li rceviet meta rtirat mix-xoghol qabel iz-zmien (4)

ssir revizjoni tal-pensjoni li qed tircievi ir-rikorrenti biex l-istess pensjoni tirrifletti l-ammont li kienet tircievi ir-rikorrenti kieku kompliet tahdem sal-eta' permessa mil-ligi.

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghatax, ir-rikorrenti titlob li jigi ordnat jithallas lilha kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa"

Illi l-intimata Grace Connell giet mahtura sabiex taghmel ix-xoghol ta' 'telephonist' permezz ta' appointment fit-8 ta' Mejju 1987 liema appointment li kopja tieghu hija annessa u mmarkata Dok BG1 jistipula illi hija giet mlahhqa "… biex taqdi d-dmirijiet tieghek fid-Dipartiment tas-Sahha kif ukoll *kull xoghol iehor li l-Gvern jista' jghidlek biex taghmel".* Di piu' tali xoghol inghata lilha fuq talba taghha stess.

Illi wara li kien hemm certifikat mediku rigward sahhet Grace Connell minn tabib privat li in oltre talab illi l-intimata tinghata light duties, l-intimata li kienet qed tahdem fil-folding section , li minnha nfisha titqies bhala light duty giet iccertifikata minn tabib fid-Dipartiment tas-Sahha u mhux minn Bord Medicu li kien

hemm bzonn li tahdem ghal hin anqas twil. Di piu' kienet id-decizzjoni ta' l-intimata li tkompli tahdem fil-folding section.

Illi stante li ma kien hemm l-ebda nuqqas ta' personel jahdmu bhala "Telephone Operators" Grace Connell nghatat xoghol iehor u dan kif previst fl-appontment taghha fuq imsemmi.

Illi Grace Connell ghazlet li ma tibqax fis-servizz mal-Gvern u dan a bazi ta' dikjarazzjoni iffirmata minnha hawn annessa u mmarkata Dok BG2.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Ir-rikorrenti ipprezentat affidavit u ikkonfermat il-kontenut tar-rikors. Ziedet li ix-xoghol li kien giet mqabbda taghmel kien jikkonsisti biss f'li titwi l-hwejjeg. Ix-xoghol biex inhaffu kien jsir bil-wieqfa. Wara li ghamlet operazzjoni gravi [din kienet major operation tar-reproductive organs] kienet tgheja hafna bil-wieqfa. Qatt ma talbet biex titwarrab minn Latrine Attendant. Operator. Biex tmur ghax-xoghol Mount Carmel kellha tirkeb

erba’ karozzi kuljum. Kienet ilmentat li kellha taghmel dan it-tip ta’ xoghol f’Mount Carmel. Kienu qalula li post vakanti ta’ Telephone Operator ma kienx hemm fl-isptar Monte Carmeli. Sostnit li baghtuha hemm mhux ghax kellhom bzonna izda biex jehilsu minna minn Hal Ghaxaq biex ikunu jistghu jibghatu lil xi hadd iehor minfloka.

Xehed Saviour Lautier Direttur tar-Rizorsi Umani fid-Dipartiment tas-Sahha u qal li r-rikorrenti bdiet bhala Charwoman fl-1977 u fit-8 ta’ Mejju 1987, hija saret Telefonista. Il-General Workers Union kitbet ittra li Grace Connell kienet qed taht protesta li hija kienet qed taghmel xoghol ta’ fattiga fis-swali ta’ Mount Carmel. Qal “Mistoqsi x’gara biex hija minn Latrine Attendant marret tahdem Mount Carmel, jiena la naf personalment u anqas jirrizulta mil-file. M’ghandi l-ebda indikazzjoni fil-file li sar dan it-trasferiment. M’hemm l-ebda nota rigward dan. Mistoqsi min seta’ ta dan it-trasferiment, kif sar it-trasferiment u b’liema mod sar, jiena ma nistax nirrispondi xejn ghal dan. Anqas ghar-raguni l-ghaliex sar dan it-trasferiment.” Il-General Workers Union regghu kitbu fit-23 ta’ Marzu 1989 fuq l-istess sens. Wara dan, fis-26 ta’ Settembru 1989 hemm certifikat mediku li juri li Connell kienet fi stat ta’ sahha li ma setghetx tkompli bix-xoghol li kienet qed taghmel u li tixtieq job ihfef minn dan. Hija kienet tippreferi tmur tahdem fil-latrini. Ikkonferma li Connell qatt ma kellha ebda training fuq l-operazzjoni tal-PBS, mentri fl-isptar kien hemm zewg main Health Assistants li kienu trejnjati u li kienu qed jaghtu servizz li kien korrett u efficjenti u ma kienx konsijabbli li dawn it-tnejn jitnehhew minn fuq il-post. Hija kienet qedgha taghmel

xoghol ta' Hospital Auxiliary fic-Central Laundry. Ix-xoghol ta' Latrine Attendant huwa ta' grupp A li huwa l-aktar baxx, mentri Hospital Auxiliary huwa ta' grupp B. Terga' l-kategorija C hija oghla minn dik ta' Hospital Auxiliary u fil-kategorija C hemm it-telefonisti.

Illi Saviour Lautier ipprezenta wkoll affidavit fejn semma li mill-file personali ta' Grace Connell johrog illi hija saret "telephonist" fit-8 ta' Mejju 1987. Ghalkemm kienet inghatat dan l-appointment hija kienet taghmel xoghol ta' "latrine attendant" f'Hal Ghaxaq. Matul dan iz-zmien u cioe' kemm damet fil-latrina Ghaxaq qatt ma ghamlet complaints li dan ma kienx xogholha. It-transfer li inghatat lejn l-Isptar Monte Carmeli kien skond l-esigenzi tas-servizz billi fil-laundry dejjem jkun hemm nuqqas ta' nies. Zied jghid: "Di piu' rigward l-allegazzjoni illi hija tilfet il-flus ghax rtirat kmieni mix-xoghol, nixtieq niccara illi Grace Connell qabel ma rtirat kienet iffirmat dikjarazzjoni fid-9 ta' Settembru 1994, jigifieri sena qabel eghluq zmienha, illi hija ma riditx tibqa' fis-servizz wara li taghlaq is-sittin sena. Hija kellha taghlaq sittin sena fl-14 ta' Awissu 1995. Hija kellha cans kieku riedet li tibqa' tahdem sal-wiehed u sittin sena izda ghazlet li tispicca qabel. L-allegat telf fl-ammont ta' pensjoni kien ikkawzat minnha stess gia la darba ghazlet li tispicca ta' sittin sena ghax tilfet sena servizz."

Salvu Turner li jahdem is-Central Laundry f'Mount Carmel xehed li jiftakar lir-rikorrenti tahdem hemmhekk fil-laundry. Ix-xoghol taghha kien folding, tiwi tal-hwejjeg. Sakemm damet hemmhekk baqghet taghmel dak ix-xoghol. Sakemm kienet tahdem

hemmhekk il-laundry ix-xoghol taghha dejjem ghamlitu, qatt ma kelli complaints.

Frank Attard xehed li "Ma jirrizulatax li kien hemm raguni specifika ghaliex Grace Connell giet traferita fil-Laundry, meta l-grad taghha kien ta' telephone operator. Mill-file ma jirrizulta li kien l-ebda raguni specifika ghaliex ntbaghtet mill-Public convenience ta' Hal-Ghaxaq ghal Mount Carmel…"

Alfred Degabriele rapprezentant tad-Dipartiment tat-Tezor [permezz ta' Dokument a fol 76] ikkonkluda li d-differenza li kien ikollha Grace Conell li kieku waqfet mix-xoghol sena wara li waqfet jigifieri ta' 61 sena u mhux ta' 60 sena kienet ta' Lm 106 fis-sena oltre somma ta' LM585 aktar.

Ikkunsidra

Illi fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li

ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa rrizulta li r-rikorrenti Grace Connell saret "telephonist" fit-8 ta' Mejju 1987. Ghalkemm kienet inghatat dan l-appointment hija kienet taghmel xoghol ta' "latrine attendant" f'Hal Ghaxaq. Matul dan iz-zmien u cioe' kemm damet fil-latrina Ghaxaq qatt ma ghamlet complaints li dan ma kienx xogholha. L-intimat isostni li t-transfer li inghatat lejn l-Isptar Monte Carmeli kien skond l-esigenzi tas-servizz billi fil-laundry dejjem jkun hemm nuqqas ta' nies. Ir-rikorrenti inoltre tallega li minhabba t-tip ta' xoghol li mhux suppost gie assenjat lilha hi ma setghetx tkompli tahdem sa 61 u ghalhekk tilfet kemm il-pensjoni kif ukoll is-somma.

Dan it-Tribunal ihoss li wiehed ma jistax, specjalment ghal zmien twil, jibghat persuna fil-grad ta' telephonist jitwi l-hwejjeg. Huwa veru li fl-appointment jissemma "biex taqdi d-dmirijiet tieghek fid-Dipartiment tas-Sahha kif ukoll kull xoghol iehor li l-Gvern jista' jghidlek biex taghmel". Izda fil-fehma tat-Tribunal dan jista' jwassal ghad-dritt li persuna titqabbad taghmel xoghol ta' messaggier izda mhux dak li titwi l-hwejjeg. Ix-xoghol li giet imqabbda taghmel kien ta' Hospital Auxiliary – Grupp B waqt li telefonista huwa grupp C. Il-fatt li minn rajha riedet taghmel xoghol ta' latrine attendant li hu Grupp A ma jwassal ghal xejn

ghax f'dan il-kaz hi kienet kuntenta li taghmel xoghol inferjuri ghal grad taghha. Ma inghatat ebda raguni ghala sar it-transfer hlief li kien hemm bzonn ta' haddiema fil-Monte Carmeli. Izda dan ma jwassalx ghal raguni valida biex tibghat telefonist jaghmel xoghol ta' Hospital Auxiliary.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat dwar il-fatt li setghet titqabbad xoghol iehor.

Ukoll il-kwistjoni tal-Bord Mediku tibqa' dejjem relatata mall-fatt li t-tip ta' xoghol li kella kien aktar impenjattiv minn dak ta' telefonista u li ghalhekk ir-rikorrenti ghazlet li ma tkomplix tahdem. Huwa veru li x-xelta kienet taghha izda certament l-ghajja aktar fix-xoghol kien fattur determinanti. Ghalhekk jichad ukoll din l-eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni li kien hemm nuqqas ta' personnell din ma tistax titqies raguni valida biex tibghat persuna taghmel xoghol li mhux taghha. Aktar u aktar meta dan ikun ghal zmien twil. Ghalhekk jichad ukoll din l-eccezzjoni.

Dwar it-talba tar-rikorrenti din tidher gustifikata minhabba l-motivi fuq imsemmija. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat.